# Editorjal

Minn żmien għal żmien kull għaqda jeħtiġilha tgħaddi minn perijodu ta' tiġdid. Dan huwa bżonnjuż kemm biex dik l-għaqda tagħti titwila fiha nfisha u tara jekk hijiex qed taqdi kif imiss l-ideali li għalihom twaqqfet, kif ukoll biex, skond iż-żmien u ċ-ċirkostanzi, tfassal għanijiet ġodda jew torqom u tadatta dawk li diġà jeżistu. Dan jgħodd għall-għaqdiet kollha u wisq iżjed għal dawk li ilhom imwaqqfin għal bosta snin. It-tendenza f'dawn ta' l-aħħar hija li dawn l-għaqdiet wisq drabi jintrikbu minn ideat u metodi xi ftit qodma li jżommu l-għaqda li tkun, bħall-ħmar tas-sienja, iddur fl-istess radda. Dan biex ma ngħidux ukoll li xi drabi l-pożizzjonijiet amministrattivi jisfgħu okkupati minn nies li sehemhom ikunu diġà tawh u, kif huwa naturali, flok ħeġġa u bżulija dawn ma jkun fadlilhom xejn ħlief il-ħedla li jġib miegħu ż-żmien.

Bħalma jaf kulħadd, l-Akkademja tal-Malti għaddejja minn dan it-tiġdid – tiġdid ta' strutturi u tiġdid ta' ideat. Ħallejna warajna ż-żminijiet fejn, b'xorti ħażina, kien hemm diżgwid fost il-membri. Għaddejna żmien pjuttost twil ta' fejqan – żmien fejn għamilna rendikont magħna nfusna u sewwejna l-ħsara kbira li ġarrabna kemm internament kif ukoll dwar kif jagħrfuna u x'jistennew minna n-nies.

L-akbar indikazzjoni li l-Akkademja rebħet mill-ġdid ir-rispett u l-fiduċja li minn dejjem


1/LXXII 1998

**IL-MALTI**



*Bord Editorjali:*
Is-Sur Achille Mizzi
President

*Membri:*
Is-Sur Joseph Borg B.A.
Dr Charles Briffa Ph.D.
Is-Sur Charles Coleiro
Is-Sur Charles Flores

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti


*Il-Qoxra:*
L-Akkademja trodd ħajr lill-artist Anthony Calleja li ġentilment offra awtoritratt għall-qoxra ta' din l-edizzjoni.


Disinn u stampar mill-Koperattiva Outlook, 1998



UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

kienet tgawdi f'għajnejn in-nies kienet meta l-ogħla awtorità ċivili stiednet lill-Akkademja tal-Malti biex tiġġedded fl-istrutturi tagħha biex, filwaqt li tibqa' tgawdi l-awtonomija, tilbes is-setgħa governattiva li biha tkun tista' twassal l-ideali tagħha dejjem aħjar u, fejn hemm bżonn bl-id soda msaħħa mis-setgħa tal-liġi, tara li l-jeddijiet ta' l-Ilsien Malti bħala Lsien Nazzjonali jitħarsu dejjem u kullimkien.

Dan, anke jekk b'pass meqjus, l-Akkademja wettqitu. U issa għandna f'idejna Abbozz ta' Liġi u Statut Rivedut li jikklumplimentaw lil xulxin. Fil-fehma tiegħi, dawn għandhom ikunu l-aqwa strumenti biex jiżguraw mhux biss ġejjieni sabiħ għall-Akkademja iżda wkoll snin ta' ħidma fejjieda għat-tħaris u t-tisbiħ ta' l-Ilsien Malti. Għaliex, ngħiduha kif inhi, illum jidher ċar li bil-volontarjat biss, anke jekk dan huwa mill-aktar ħabrieki, ma naslu mkien. Hemm bżonn li l-Akkademja jkollha r-riżorsi, il-faċilitajiet u s-saħħa biex dak li tgħid hi jgħodd f'għajnejn il-pubbliku – ħwejjeġ li l-Gvern biss jista' jagħtihom.

Din kienet u għadha l-ħolma ta' bosta ħassieba fi ħdan l-Akkademja. Fl-imgħoddi, dawk ta' qabilna rnexxielhom li, bil-manuvri li kienu jgħoddu għal żmienhom, iġibuha żewġ biex fl-aħħar il-Malti sata' jirbaħ u jieħu postu. Fiż-żminijiet tal-lum il-problemi huma ta' xorta oħra u nkunu tassew ġwejjef jekk dan aħna ma nintebħux bih u nħabirku biex il-qala' tagħna ndawruħ skond il-fejn illum qed jonfoħ ir-riħ.

## WERREJ


*EDITORJAL* i

ĠORĠ BORG
*Għar Dalam* 24
*Poeżija* 24
*Naf Tifel* 35
*Imħabba Sewda* 35

RIGU BOVINGTON
*Manuel Nicholas-Borg: Poeta Malti-Awstraljan* 17

DR. CHARLES BRIFFA
*Il-Qawwa tal-Malti* 8
*Insellmu lil Min Ħalliena* 11
*Mill-Imgħoddi* 22
*Intervista lil Ġorġ Pisani* 23
*Kumpliment lil Ilsienna* 25

JOHN BUTTIGIEG
*Ipokreżija* 37

CHARLES COLEIRO
*Destin* 21
*Uċuħ* 21
*Xewqat* 21

THOMAS FRELLER
*Il-Malti – Lingua Punica...?* 1

JOE FRIGGIERI
*Durham 11.5.96* 36

P. SCIBERRAS
*Wirt Battal* 34
*database* 36
*Mid-Djarju tat-Tarzna* 38

VICTOR XUEREB SJ
*Miju Mekkek ta' l-Iljade* 29